**Madre Margerita u t-tbatija**

It-tbatija hi parti mill-ħajja tal-bniedem. Kull persuna xi darba jew oħra għaddiet mit-tbatija. Hemm minn għadda minn tbatija għax tilef lil xi ħadd għażiż, hemm min għamel esperjenza qasira ta' tbatija, min bata fiżikment jew mentalment u hemm min it-tbatija saret parti mill-ħajja tiegħu ta' kuljum.

Madre Margerita wkoll għaddiet minn ċirkustanzi ta' tbatija, bħal meta tilfet l-għażiża neputija f'qasir il-għomor, il-mewt tal-ġenituri, meta nfetħet id-dar ta' Korfù u l-ewwel lejl għaddewh taħt il-ħajt taċ-ċimiterju. Għaddiet minn żewġ gwerrer dinjiji, kif ukoll għaddiet mit-tbatija spiritwali. Hi stess stqarret fl-ittri tagħha, speċjalment dawk miktuba lid-Diretturi spiritwali tagħha fejn magħhom kienet tesprimi l-proċess spiritwali tagħha.

Minn dawn l-esperjenzi kollha l-akbar tbatija ta' Madre Margerita kienet li tara l-ingratitudni tal-bniedem lejn Alla, li Alla jkun offiż minna l-bnedmin. L-għajta tagħha: 'Erwieħ, Erwieħ, agħtuni erwieħ!', biha kienet tesprimi x-xewqa li l-bnedmin jikkonvertu lejn Alla. F'ittra lid-Direttur tikteb hekk: 'Nitlob, iva nitlob,Padre, nitlob mill-faqar tiegħi, imam Dak li jista' kollox ghadu minsi ħafna, ħafna, mhux magħruf u offiż!' F'ittra oħra tgħid hekk: 'Padre inħobbu l-Imħabba li mhix magħrufa u lanqas maħbuba!!! Oh! X'għatx għandu ta' erwieħ!' L-imħabba li Madre Margerita kellha lejn Alla ma kinitx biss sempliċi relazzjoni bejna u bejn Alla u tieqaf hemm, iżda riedet li Alla jkun magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien. Il-bniedem li tassew iħobb, ikun irid li lil min iħobb, ikun maħbub ukoll mill-oħrajn. Din kienet l-esperjenza ta' Madre Margerita, li waslitha biex kontinwament ittenni: 'Inħobbu l-Imħabba'.

Ninsabu fiż-żmien qaddis tar-Randan, żmien ta' konverżjoni u tiġdid. Ejjew nitolbu bl-interċessjoni tal-Venerabbli qaddejja t'Alla għall-konverżjoni tal-midinbin u għat-tiġdid spiritwali ta' kull nisrani. Jalla bħal Madre Margerita, aħna wkoll ikollna ħeġġa kbira li nakwistaw il-konverżjoni ta' dawk il-persuni li jinsabu 'l bogħod minn Alla u nitħeġġu aħna wkoll biex bħalha qalbna titkebbes bl-imħabba lejn Alla u li nressqu oħrajn lejH.

Sr Josephine Xuereb